**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Gunju, 2018

Rikors numru : 108/18 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Lulju 1976 gewwa l-Ingilterra u li sussegwentement bnew il-hajja matrimonjali taghhom Malta, certifikat taz-zwieg hawn anness u immarkat bhala Dokument A;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Henri J Vassallo datat ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf disa` mija u disa` u disghin (1999) kopja tal-istess kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien ghal diversi snin, u certament mid-data tas-separazzjoni personali.

Illi l-esponenti jissottometti illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom.

Illi m'hemm l-ebda mantenimenti dovut la lejn l-intimata, la favur tal-esponenti u l-ulied ta' bejn il-partijiet u cioe` xxxxxxxxx xxxxxxx li llum huma kollha maggorenni.

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' April, 2018;

Rat illi r-rikorrenti ikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Rat illi l-intimata, fuq domanda tal-Qorti, wiegbet li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Settembru 1999;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.